# SME HELPDESK

PUBBLIKAZZONI 24
20 TA' ĠUNJU 2016




# L-MEA onorata għall darb' oħra waqt iċ-ċerimonja tal-premjazzjonijiet tan-NESA

Għeżież ħbieb,

F'serata ġewwa l-MCC, fejn ġew imħabbra r-rebbieħa tan-NESA 2016, minn **fost 17 –il nominazzjoni l-MEA reġgħet għamlitha.**

Għal darb'oħra, u għat-tieni sena konsekuttiva, l-MEA ipparteċipat fil-konkors lokali, NESA (National Enterprise Support Awards), liema kompetizzjoni kienet miftuħa, għal-entitajiet u organizazzjonijiet li tul is-sentejn li għaddew ikkontribwew b'inizjattivi favur is-settur tal SMEs f'pajjiżna.

Minn fost is-17 -il parteċipant, l-ewwel ġejna *short listed* ma l-aħħar 5 mill-kategorija li ppparteċipajna fiha, u fl-aħħar tas-serata saħansitra ġejna ukoll ippremjati bit-tieni post.

Wara li is sena l-oħra, konna appuntu aħna, bħala l-*Malta Employers' Association* li ħrigna rebbieħa ta' dawn l-*awards* Nazzjonali, din is-sena ddeċidejna li

**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr. Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, Triq Nofs in-Nhar
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
www.maltaemployers.com


European
Enterprise Promotion
Awards

2015 Special Mention
Improving the
Business Environment

kellna nissottomettu proġett b'numru ta' inizjattivi differenti, li aħna ħadna favur l-inklussivita' fuq il-post tax-xogħol.

Il-proġett jikkonsisti fi 13 –il inizjattiva mifruxa fuq sentejn.

L-MEA tul dawn l-aħħar sentejn ħadmet qatigħ sabiex tixpruna lil *employers*, kif ukoll l-amministrazzjoni Governattiva, favur politika ta' inklussivita'. Fost l-inizjattivi, tajjeb wieħed isemmi, l-ħidma sfiqa flimkien ma entitajiet tal-Gvern, kif ukoll NGOs, sabiex issolvew l-problemi li kienu eżistenti u saħansitra, finalment ġie milħuq u iffirmat ukoll MOU, li jserraħ moħħ l-*employers*, kif ukoll jistimula proċess sabiex l-istess *employers* jersqu lejn 100% *compliance* mal-ligi li tirregola l-impjieg ta' persuni b'diżabilita', ma intraprizi Maltin li jħaddmu minn 20 impjegat –il fuq.

Tul dawn l-aħħar senten, kien hemm mumenti fejn l-MEA kienet ukoll sieħeb strategiku ma Richmond Foundation fuq proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea, bit-titolu *"Healthy Mind for Healthy Business".*

Fl-aħħar sentejn l-MEA ukoll kienet ta' eżempju prattiku kif l-entitajiet għandhom jagħmlu l-għalmu kollu tagħhom sabiex jittrasformaw l-uffiċini tagħhom, f'post 100% aċċessibbli. Proġett infrastrutturali li sewa lil Assoċjazzjoni -il fuq minn €150K. Flus li tpoġġew f'investiment, u inizjattiva li tagħmilna kburin li kellna il-kuraġġ, li minkejja id-diffikultajiet kollha loġistiċi li ltqajna magħhom, ma qtajniex qalbna u konna determinati li nitrasformaw l-uffiċini tagħna f'sit li jkun aċċessibbli għal kullħadd, mingħajr l-ebda ostaklu speċjalment għal dawk il persuni b'diżabilita'.

L-MEA kompliet tipproduċi il-programm televiżiv "MEA", fuq l-istazzjon televiżiv Nazzjonali Malti – TVM u TVM2, sabiex b'hekk tkompli tferrex informazzjoni utli għal *employers*, kif ukoll fost l-intrapriżi żgħar u medji. Sitt programmi minn dawn kienu partikolarment jikkonċernaw *issues* fuq inklussivita'.

L-MEA qed tkun ukoll parteċipattiva fid-djalogu soċjali dwar l-emendi li qed jiġu proposti għal l-Att li jirregola l-Ugwaljanza f'pajjiżna.

Is-sena li għaddiet l-MEA imbarkat ukoll fuq proġett ieħor ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea, ċioe, l-progett MEA-EQUIP – *Equipping Employers for a more Equal and Inclusive Labour Market.* Sensiela ta' inizjattivi oħra, fosthom Konferenza Nazzjonali*, Focus Group Meeting*, publikazzjoni ta' *Employers handbook*, kif ukoll rapport/studju dwar kemm l-*employers* qed jipprattikaw bil fatti proċeduri inklussivi, u ugwali fost il-ħaddiema tagħhom.

B'kollox l-MEA ħadet 13 –il inizjattiva, li għal iskop ta' dan il premju, għaqqadnihom fi proġett wieħed, liema proġett żgur li ħalla impatt fuq is-soċjeta', u determinati li dan inkomplu nagħmluh anke fis-snin li ġejjin.

NESA li għal darb' ohra reġgħet tagħtna l-opportunita', li nippubbliċiżżaw ħidmitna favur is-settur tal-SMEs. Ħidma li f'ħafna drabi issir fis-skiet, u mingħajr ħafna daqq ta' trombi, iżda hi ħidma meħtieġa,u li qed tiġi apprezzata u kburin ilkoll li qegħdin inwettquwa.

Fil-fatt, fi tmiem is-serata ta' premjazzjoni, id-Direttur Ġenerali tal-MEA, is-Sur Joseph Farrugia, ġie mistieden jindirizza lil mistednin, b'messaġġ dwar il-parteċipazjoni tagħna tas-sena l-oħra, fil *European Enterprise Promotion Awards* fil-Lussemburgu, fejn l-MEA kisbet unur prestiġjuż ta' rikonoxximent fuq skala Ewropea. Unur li Malta kienet għadha qatt ma kisbet sa minn mindu kien ilna nipparteċipaw.

U dan juri kemm l-MEA qegħda verament taħdem u tistinka fost is-settur tal-SMEs, u dan qed jiġi rikonnoxxut kemm lokalment kif ukoll fuq skala akbar.

Kull min jixtieq li jibda jħossu kburi li jagħmel parti mill-familja tagħna, u jiddeċiedi li jissieħeb mall-MEA, kull ma għandu jagħmel hu, li jiktibli, u jien nagħddi l-informazzjoni lis-segretarjat, sabiex jiġi stabbilit kuntatt dirett magħkom.

## Żommu id-data tat-30 ta' Settembru 2016 libera......

**Dettalji fil-ħarġa li jmiss.**

Sa dan intant,
Grazzi u tislijiet.

Anton

SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES




ZAFFARESE
signs + display ltd

Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com